27 ta' Ġunju, 1964

Imħallef:

Onor. Edoardo Magri, LL.D.

Rosina Micallef

*versus*

Angelo Micallef

**Separazzjoni — Adulterju — Art. 47, 56 u 58, Kodiċi Ċivili.**

*L-adulterju jista' jiġi pruvat permezz ta' indizzi u preżunzjonijiet, purkè dawna jkunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod illi ma jħallux ebda dubju f'min għandu jiġġudika.*

*Huwa suffiċjenti illi tirriżulta waħda biss mill-kawżali elenkati mill-liġi sabiex jingħata lok għas-separazzjoni personali.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni; peress illi l-konvenut irrenda ruħu ħati lejn l-attriċi ta' adulterju, swat, minaċċi, inġurji gravi, eċċessi u sevizzji u

mħabba b'hekk ma hix aktar possibbli l-ħajja konjugali bejn il-kontendenti — talbet illi (1) tiġi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti (2) il-konvenut jiġi dikjarat dekadut mid-drittijiet imsemmija fl-artikoli 56 u 58 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 23 tal-Liġijiet ta' Malta) u dana billi l-konvenut irrenda ruħu ħati lejn l-attriċi ta' adulterju, swat, minaċċi, inġurji gravi, eċċessi u sevizzji. Fermi restanti d-drittijiet tal-attriċi għall-alimenti kif stabbiliti fis-sentenzi ta' din il-Qorti tat-2 ta' Diċembru, 1959 u tal-20 ta' Mejju, 1961, bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

Omissis.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjoni tal-konvenut li biha jgħid illi huwa ma ikkommetta kontra l-attriċi martu l-ebda waħda mill-ħtijiet allegati kontra tiegħu u għalhekk it-talba attriċi għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż;

Omissis.

Ikkunsidrat:

Li qabel dina l-kawża l-attriċi kienet għamlet kawża għall-alimenti kontra l-konvenut, li ġiet deċiża kontra tiegħu minn dina l-Qorti fit-2 ta' Diċembru, 1959.

Li f'dik il-kawża irriżulta li l-konvenut ammetta li naqas lejn martu għax kien ilu ma jħares lejha żmien, u li kien jiltaqa' l-Cafè l-Belt ma' mara jisimha Frances miż-Zejtun. Inoltri mix-xhieda li taw fl-imsemmi proċess Antonio Borg u P.C. Carmelo Borg irriżulta li l-konvenut jiltaqa' mal-imsemmija mara l-Museum Cafè tal-Belt, fil-private, u li kien ikellimha ħdejn il-Vernon Institute, il-Belt, u l-Barrakka ta' Fuq. Barra min hekk bagħat risposta mal-istess Antonio Borg biex igħid lil waiter tal-imsemmi Cafè biex dana jinforma lil ċerta

waħda jgħidulha Doris, li hu ma jistax jinżel il-Belt, u li tmur tiltaqa' miegħu bħas-soltu l-pjazza ta' Birkirkara.

L-attriċi stess xehdet li rat lil żewġha mal-imsemmija Frances, fl-istage ta' tas-Sliema, Porta Riale, il-Belt u li meta kienet sejra tkellimha l-konvenut laqagħha, u Frances li kienet miegħu telqet tigri. Il-konvenut għamel resistenza magħha, u meta induna li Frances laħqet dabbret rasha, lill-attriċi ħalliha *tmur warajha u beda jagħmlilha l-qrun.*

Ikkunsidrat:

Li r-raġunijiet *mogħtija* mill-konvenut biex jiġġustifika dina r-relazzjoni mal-imsemmija Frances, mhumiex verosimili u dina l-Qorti qegħda tiskartahom.

Ikkunsidrat:

Li l-attriċi qegħda titlob li tinfired minn żewġha mħabba l-adulterju u l-motivi l-oħra kontemplati fl-art. 47 tal-Kodiċi Ċivili. Billi l-adulterju huwa l-kawżali l-aktar gravi li tagħti lok waħedha għal separazzjoni personali, dina l-Qorti sejra teżamina jekk mill-provi li ġew prodotti, hemmx biżżejjed indizi li jintitolaw lill-attriċi tottjeni s-separazzjoni fuq dina l-kawżali.

Ikkunsidrat:

Li f'materja ta' provi tal-adulterju, id-dimostrazzjoni tiegħu tista' tkun *fornita bil-mezzi kollha legali li jkunu idonei* biex jista' jiġi determinat il-konvinċiment tal-Imħallef, "poichè nessuna limitazione è posta dalla legge" (Azzo lina "La separazione personale dei coniugi" paġ. 57; u Zucchini "Digesto Italiano: vsce "Adulterio" Torino 1884 Vol. II, parte Ia n. 235 e segg.), u għalhekk kif ikompli jgħid l-istess Azzo-

lina "Non è necessaria la sorpresa in flagrante e tanto meno la testimonianza "de visu", evidentement difficile a raggiungersi per questo genere di fatti" (ibid); Arcieri Studi Legali, Vol. II, para. 310). U għalhekk stante d-diffikultà tal-prova *huwa ormai paċifiku anki fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista'* jiġi pruvat permezz ta' indizi u presunzjonijiet, purchè dawna jkunu gravi, preċisi u konkordanti, b'mod li ma jħallux ebda dubju f'min għandu jiġġudika (Kollez. XXXVII, ii, 693; App. Torino, 28 ta' Jannar, 1938 Dc. B. Taro Rep. 1939, 1775).

Ikkunsidrat:

Li mill-provi miġjuba hemm indizi suffiċjenti biex jinduċu f'dina l-Qorti l-konunzjoni li l-konvenut huwa ħati ta' adulterju;

Infatti, qabel xejn, hija fehma ta' din il-Qorti li r-relazzjonijiet ta' raġel miżżewweġ ma' mara lima tkunx martu, huwa ġa presunzjoni ta' ħtija, għaliex mhuwiex konċepibbli li raġel miżżewweġ jiffrekwenta lil mara oħra għal sempliċi passatemp, u jittraskura fl-istess ħin id-doveri konjugali ma' *martu għal żmien relevanti biex jiddedika ruħu għall-amoreġ*ġiamenti innokwi u platoniċi, fil-kors ta' appuntamenti ta' ċerta frekwenza f'ħinijiet u lokalitajiet diversi u anki fiż-żmien meta r-raġel ikun fi ġlied kontinwu ma' martu, juża atti ta' vjolenza kontra tagħha, iħalliha bla manteniment u jagħmel insistenza kbira biex dina titlaq mid-dar.

Inoltri, indizju aktar korroboranti dina l-Qorti tirravvisah fil-fatt li l-konvenut kien jiffrekwenta mara oħra meta kien għadu ma' martu; dina ċ-ċirkostanza tkompli żżid motiv ta' suspett li fl-erba' snin li l-konvenut ilu separati di fatto minn martu, ma setax iddiporta ruħu aħjar milli għamel meta kien jgħix regolarment magħha; u l-istess deposizzjoni inattendibbli tal-imsemmija Frances Bartolo hija konferma irrefutabb'

li dawna r-relazzjoni bejna u l-konvenut baqgħu sejrin sal-pont li llum hija waslet biex tiċħad li qatt kienet taf lill-attur, anki kontra dak li raw diversi xhieda.

Ikkunsidrat:

Li l-istadju preordinat għal konkubinat huwa dejjem rikopert minn relazzjonijiet bejn raġel u mara f'ambjenti appartati u moħbija li jsaħħu l-inkrement ta' dik l-intimità erotika, li twassal kwasi dejjem għal dik ir-rabta tas-sensi, b'mod li "Non vi è ragione alcuna per negare l'ulteriore presunzione che i rapporti sessuali tra le persone si siano svolti nel modo più semplice e più conforme agli istinti naturali" (Azzolina, ibid. paġ. 46). Il-fatt li l-konvenut, imbagħad, beda jidher fil-pubbliku mal-ħabiba tiegħu, jindika ċerta konfidenza fir-relazzjonijiet intimi magħha, li wara li ġġieled ma' martu ma jħossx aktar ir-ritenn li jkompli jaħbi t-tresca oriġinali; dina l-apparizzjoni fil-pubbliku ġeneralment hija motivata minn ċerta tendenza malinja li hija intiża biex il-konjugi ħati jinxena l-inġenwità tar-relazzjoni, u fl-istess ħin joħroġ darba għal dejjem minn dik is-soġġezzjoni li r-rabta taż-żwieġ u d-deċenza kienu żammewh għal żmien relezat fil-ħabi tad-disordni sesswali. Jiġri ta' spiss, li l-konkubinat irid jimponi ruħu fl-opinjoni pubblika, bħala reazzjoni għal dak li raġel seta' sofra minn martu u viċe versa; iżda ta' spiss dina l-ostentazzjon ngħusta tardiva u pubblika mhix ħlief il-final disonest u sfrontat tal-att uniku tal-adulterju li ġie konsumat ad insaputa ta kulħadd, u kważi dejjem tal-konjużi innoċenti. Kien għalhekk, li l-Kardinal Gasparri fit-"Tractatus Canonicus de Matrimonio" Roma, 1932, Vol. II, paġina 244, osserva li f'dina l-materja mhumiex rikjesti: "testes de visu, qui in delictis carnis habere non solent, sed satis esse in ultraquo for praesumptiones, ut aiunt violentas, quibus moralis centitudo indicatur de perpetrato crimime".

Li, inoltri, kif tista' tispjega ruħha l-inċidenza tal-avviċinament frekwenti ta' raġel miżżewweġ ma' mara oħra bil-moħbi jew kontra l-volontà ta' martu jekk mhux għal skop ġeneralment immorali? U dana jiġri meta speċjalment, bħal fil-każ preżenti, il-konvenut wera avversjoni, indifferenza u apatija lejn martu *ta' spiss manifestati b'astensjoni* ta' relazzjonijiet sesswali prolungati, bi swat, u sevizji repetuti u diversi.

Ikkunsidrat:

Li sostanzjat il-motiv tal-adulterju, l-attriċi m'għandhiex bżonn tipprova wkoll il-motivi l-oħra minnha dedotti, għaliex *huwa magħruf li huwa suffiċjenti li tirriżulta* waħda biss mill-kawżali elenkati mill-liġi biex jingħata lok għas-separazzjoni personali (Kollez. XXVI, ii, 10).

*Ikkunsidrat:*

Li l-konvenut ma rnexxilu jġib ebda prova kontra l-attriċi jew in discolpa tiegħu li jistgħu jiġġustifikaw temperament fl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet u dekadenzi kontemplati fl-artikoli 56 u 58 tal-Kodiċi Ċivili.

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel talba, u tippronunzja bejn il-kontendenti s-separazzjoni personali mħabba l-adulterju tal-konvenut, *tilqa' t-tieni talba billi tiddikjara l-konvenut* dekadut mid-drittijiet kontemplati fl-art. 56 u 58 tal-Kodiċi Ċivili.

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.